**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 15 ta` Novembru, 2017**

**Talba Nru: 411/2016PA**

**Clatyton Mercieca**

**vs**

**Amanda Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-30 ta` Settembru 2016 li permezz tiegħu l-attur talab li l-intimata tiġi ordnata tħallsu s-somma ta` elf, ħames mija sitta u tmenin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,586.77ċ) rappreżentanti l-ammont ta` danni li l-attur sofra kaġun tal-inċident stradali ta` nhar it-30 ta` Diċembru 2015 fi Triq l-Imsida, Santa Venera, meta l-konvenuta irriversjat bil-vettura bin-numru ta` reġistrazzjoni FCH 506 mill-*parking bay* għal ġo Triq l-Imsida mingħajr id-dovuti prekawżjonijiet bil-konsegwenza li ħasdet lill-attur li kien qed isuq mutur bin-numru ta` reġistrazzjoni EBV 253, u kawża ta` dan kollu ġie rikoverat l-isptar għal erbat ijiem u tilef b'kollox 18-il jum xogħol, u kkaġunat ħsara fuq il-mutur, bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-itttra uffiċjali tat-23 ta` Frar 2016, u bl-imgħax leġali kontra l-konvenuta li ħi minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) *Road Traffiċ Report* (fol.6 sa 10); (ii) *Insurance Survey Report* (fol.11 sa 13); (iii) ittra mill-prinċipal tal-attur datata 29 ta` Lulju 2016 (fol.14 sa 18); (iv) deċiżjoni tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali dwar benefiċċju tal-mard imħallas lill-attur (fol.19 sa 23); (v) riċevuta ta` ħlas rilaxxjata mill-Kummissjarju tal-Pulizija (fol.24); (vi) ċertifikati mediċi dwar indisposizzjoni għax-xogħol (fol.25 sa 31); (vii) *disċħarġe note* tal-isptar Mater Dei (fol.32); (viii) ittra leġali datata 28 ta` Jannar 2016 (fol.33); (ix) ittra uffiċjali datata 23 ta` Frar 2016 (fol.34); u (x) prospett tad-danni ammontanti b'kollox għall-ammont reklamat b'din il-kawża (fol.35).

Ra r-Risposta tal-konvenuta li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, billi kwalunkwe dannu alleġatament soffert minnu ma sarx minħabba xi tort attribwibbli lill-eċċepjenti, iżda purament minħabba traskuragni, imperizja u/jew non-osservanza tar-reġolamenti da parti tal-istess attur; u li konsegwentement m'hemm l-ebda danni li għandhom jiġu likwidati favur l-attur.

Ra l-provi mressqa mill-partijiet u sema' x-xiehda.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Fl-affidavit[1] tiegħu, l-**attur** xehed li huwa jaħdem bħala *deliveryman* man-Nectar Group, u xogħlu jdur Malta jqassam il-prodotti lil tal-ħwienet.

Dwar l-inċident, l-attur spjega li, fit-30 ta` Diċembru 2015, għall-ħabta tat-tmienja ta` filgħaxija, kien qed isuq il-mutur tiegħu bl-ilbies protettiv fi Triq l-Imsida, fid-direzzjoni ta` Triq Carini. Qal li kien għaddej b'veloċita` normali, meta f'salt wieħed ra karozza ħierġa f'daqqa minn *parking space* għal ġot-triq, ħasditu, ipprova jiskapulaha, u spiċċa ħabat mal-bankina u tar minn fuq il-mutur. Qal li, wara l-inċident, intilef minn

[1] Fol.43

sensih, u mbagħad sab ruħu l-isptar, fejn għamel erbat ijiem għaliex kiser tmien kustilji u għamel marka fil-pulmun. Wara li ħareġ mill-isptar, għamel ġimagħtejn ma jistax jimxi u mar lura għax-xogħol xahrejn wara l-inċident. Bejn ħsara fil-mutur, telf ta` paġa u spejjeż oħra, l-attur xeħed li tilef b'kollox is-somma mitluba b'din il-kawża. Qal ukoll li pprova jasal mal-konvenuta, li sar jafha biss wara dan l-inċident, u li kienet qed issuq il-vettura li semma bħala l-kaġun tal-inċident, pero` ma rnexxielux.

In kontroeżami[2], l-attur ikkonferma li t-triq fejn seħħ l-inċident hija waħda dritta u twila, u li fil-ħin tal-inċident l-ebda vettura ma rriversjat u ħasditu. Huwa qal ukoll li nħasad għaliex ra karozza ħierġa minn ġo *parking bay*. Reġa' ikkonferma li l-karreġġjata tat-triq minn fejn kien għaddej fiha wisgħa ta` karozza, għaliex fil-bqija kien hemm il-vetturi pparkjati. Skond hu, il-vettura tal-konvenuta għattietlu t-triq u, minħabba f'hekk, daħal fil-bankina. Huwa ċaħad li l-inċident ġara għax ħasad il-*brakes*, jew għax kien għaddej b'veloċita` qawwija u tilef il-kontroll tal-mutur. Qal ukoll li ma rax l-*indicators* mixgħulin fuq il-vettura tal-konvenuta.

L-attur ressaq b'xhud tiegħu lil **Ivan Cilia**[3], prinċipal fl-uffiċju leġali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, li qal li d-dipartiment ħallas lill-attur is-somma ta` €351 f'benefiċċju tal-mard bejn is-6 ta` Jannar 2016 u t-12 ta` Frar 2016.

Xehed ukoll **Colin Borg Ginger**[4], *claims manager* maċ-Citadel Insurance, li ppreżenta ċertifikat tal-assikurazzjoni[5] li juri li l-kumpanija tiegħu kienet qed tkopri r-riskji għat-terzi persuni mill-vettura misjuqa mill-konvenuta fid-data tal-inċident. Ippreżenta wkoll kopja tas-*survey report*[6] li l-kumpanija tiegħu ikkummissjonat, u ottjeniet, għar-rigward tal-mutur misjuq mill-attur.

[2] Ara xiehda, 25.10.2017
[3] Ara xiehda, 25.01.2017, fol.49; are wkoll fol. 56
[4] Ara xiehda, 25.01.2017, fol.51
[5] Fol.55
[6] Fol.11 sa 16

L-attur ressaq inoltre b'xhud tiegħu lil **Lawrence Bugeja**, rappreżentant tal-isptar Mater Dei, li ppreżenta kopja tal-fajl mediku tal-attur, minn fejn tirriżulta l-istorja medika tiegħu sussegwenti għall-inċident mertu ta` din il-kawża.[7]

Xehdu wkoll l-uffiċjali tal-Pulizija li ssejħu fuq il-lok tal-inċident dakinhar tal-okkorrenza. **PC1007 Jean Paul Pizzuto**[8] xehed li f'Diċembru 2015, meta kien stazzjonat fl-għassa ta` Santa Venera, mar fuq il-lok ta` dan l-inċident wara li kkalma kollox, u qagħad fix*ed point* mal-mutur. Dak il-ħin, ix-xufier tal-mutur kien ġa ntbagħat l-isptar, filwaqt li l-mutur kien mal-art, fi Triq l-Imsida. **PS267 Antħony Joħn Cassar**[9] xehed li, meta ġara dan l-inċident, kien mar huwa stess fuq il-lok, u sab mutur bin-numru ta` reġistrazzjoni EBV 253 mal-art quddiem *Rocky Ironmongery*, filwaqt li fuq il-bankina ftit 'il bogħod sab lix-xufier li kien qed jilmenta minn uġigħ. Huwa kkonferma li din il-persuna kienet l-attur. Qal li, fuq in-naħa 'l oħra tat-triq, kien hemm karozza pparkjata, nofsha 'l barra mill-*parking bay*, u ħdejha kien hemm il-konvenuta. Qal li, mill-investiġazzjonijiet li għamel, irriżultalu li ma kienx hemm impatt bejn il-vettura u l-mutur. Qal li l-karozza kellha l-*indicator* mixgħul, u l-*isteering wheel* miksur, imma kienet għadha ma ħarġitx għal kollox mill-*parking bay*.

Is-Surġent Cassar ippreżenta kopja tar-ritratti li ħa fuq il-lok tal-inċident[10], u spjega li ħa l-verżjoni tal-konvenuta dak il-ħin, u tal-attur aktar tard. Qal li l-attur qallu li kien qed isuq, u ħarġitlu karozza minn ġo garaxx, prova jevitaha, pero` waqa' bil-mutur; filwaqt li l-konvenuta qaltlu li kienet ħierġa mill-*parking bay,* bl-*indicator* mixgħul, ġie mutur u waqa' quddiemha.

L-attur fl-aħħarnett ressaq b'xhud tiegħu lil **Mark Buġeja**, impjegat mal-kumpanija Nectar Limited. Huwa xeħed li l-attur kien ħareġ bis-*sick leave* fit-30 ta` Diċembru 2015 u daħal lura għax-xogħol fit-22 ta` Frar 2016. Tal-ewwel ħmistax-il jum irċieva l-paġa sħiħa, filwaqt li għat-tmintax-il jum ta` wara rċieva nofs il-paġa mingħand

---

[7] Fol.66 sa 82
[8] Ara xiehda, 25.01.2017, fol.86 sa 87
[9] Ara xiehda, 13.06.2017, fol.96 sa 97
[10] Fol.99 sa 2014

il-prinċipal tiegħu. Wara dan ma rċieva ebda ħlas ieħor mingħand il-prinċipal sakemm daħal lura għax-xogħol. Ix-xhud ikkonferma l-konenut tad-dokument iffirmat minn Chantelle Frendo (Dok.'CM3'[11]).

Fl-affidavit tagħha[12], il-**konvenuta** xehdet li hija kienet ipparkjata f'*parking bay*, bil-karozza tagħha reġistrata bin-numri FCH 506. Ċaħdet li kienet ħierġa minn garaxx. Qalet li startjat il-karozza, xegħlet l-*indicator*, ħarset mill-mirja, u billi t-traffiku jgħaddi minn direzzjoni waħda, kellha tħares biss warajha. Qalet li dawret l-*isteering*, u ressqet il-karozza biex tara aħjar u toħroġ, u f'dak il-ħin għalhekk il-karozza kienet biss b'ponta 'l barra. Qalet li kif għamlet dan, waqfet, u reġgħet ħarset biex tara setgħetx toħroġ. Skond il-konvenuta, f'dak il-mument, rat mutur ġej mill-bogħod u bis-saħħa, u ddeċidiet li tibqa' fejn kienet. Qalet li t-triq hija wiesa', u l-mutur kellu minn fejn jgħaddi faċilment. Pero`, għal raġuni li ma tafħiex, kif għaddiħa l-mutur, ix-xufier tilef il-kontroll, żamm brejk sew u ħabat mal-bankina, filwaqt li s-sewwieq tar minn fuqu.

Il-konvenuta xeħdet li din hija triq dritta u twila, u li l-mutur seta` jaraha faċilment qabel wasal ħdejha. Hija tinsisti li l-attur kien qed isuq b'veloċita` qawwija, u li l-inċident ġara frott it-traskuraġni tiegħu.

In kontroeżami[13], il-konvenuta qalet li hija kienet fil-karozza tagħha *ġo parking bay*, miksura bil-lest biex toħroġ għal ġot-triq. Dak il-ħin, ħarset mill-mera tan-naħa tagħha, u rat lill-mutur meta kien għadu fil-bogħod, u kien ġej b'veloċita`. Qalet li ħallietu jgħaddi. Skond il-konvenuta, hija kienet wieqfa, u ma kellhiex ħjiel għaliex ħa l-*brake* qabel wasal ħdejn il-karozza tagħha. Dak il-ħin tal-inċident kienet ġa ħarġet biċċa mill-karozza tagħha għal ġot-triq, pero` kien hemm spazju biżżejjed biex jgħaddi l-mutur.

Ikkunsidra ulterjorment li:

---

[11] Fol.14
[12] Fol.118
[13] Ara xiehda, 25.10.2017

Din il-kawża tirrigwardja inċident stradali li fih l-attur safa mweġġa`, u minħabba f'hekk tilef il-qligħ mill-impjieg tiegħu sakemm irkupra u reġa' kien tajjeb għax-xogħol, filwaqt li ġarrab ħsarat fil-mutur li kien qed isuq. Il-konvenuta tikkontesta li hija taħti b'xi mod għall-akkadut.

Ix-xena fuq il-lok tal-inċident, immedjatament wara l-akkadut, tirriżulta mir-ritratt eżibit mill-uffiċjal tal-Pulizija li ssejjaħ biex jagħti l-għajnuna, u jżomm l-ordni, fuq il-post (*fol.99*). Minn dan ir-ritratt jirriżulta li t-triq fejn ġara l-inċident hija waħda twila b'karreġġjata libera, wiesa' bizzejjed biex tgħaddi karozza bil-kumdita`. Man-naħa tax-xellug hemm l-ispazji mmarkati fejn jipparkjaw il-vetturi, u l-vettura kienet ipparkjata ma' din in-naħa. Faċċata ta` fejn kienet ipparkata l-vettura hemm inkroċju, u kaxxa mmarkata mal-art fejn jieqfu l-karozzi li jkunu jridu joħorġu għat-triq fejn seħħ l-inċident. Il-karozza tidher sporġuta 'l barra, għal ġot-triq, bejn wieħed u ieħor sal-bieba tal-passiġġier. Il-mutur jidher mal-art, taħt il-bankina tan-naħa 'l oħra, wara l-inkroċju, daqs tul ta` vettura 'l bogħod mill-ponta tal-karozza fejn din kienet sporġuta 'l barra.

Wara li t-Tribunal qies il-verżjonijiet tal-fatti mogħtija miż-żewġ partijiet, flimkien max-xiehda tal-uffiċjal tal-Pulizija li ssejjaħ fuq il-post immedjatament wara l-akkadut, u l-verżjoni tal-fatti li tat il-konvenuta lill-istess uffiċjal, it-Tribunal jasal għall-konklużjoni, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li l-kaġun ta` dan l-inċident sfortunat kien in-nuqqas tal-konvenuta li taċċerta ruħha li t-triq kienet għal kollox libera mit-traffiku qabel <u>tibda</u> tagħmel il-manuvra bil-vettura tagħha biex toħroġ minn ġol-*parking bay* għat-triq. Fil-kontroeżami tagħha quddiem dan it-Tribunal, il-konvenuta qalet li, wara li bdiet din il-manuvra, waqfet minnħa għaliex rat lill-mutur ġej b'veloċita` u tatu ċans jgħaddi. Fid-dawl tal-konfiġurazzjoni tat-triq, u tal-ħoss li jagħmel mutur, partikolarment jekk ikun ġej b'veloċita`, it-Tribunal iqis li mhux verosimili dak li xeħdet il-konvenuta fl-affidavit tagħha li, qabel għamlet din il-manuvra, hija kienet ħarset sewwa mill-mera tan-naħa tagħha u aċċertat ruħha li t-triq kienet libera. Meta jqis il-lok fejn spiċċa l-attur bil-mutur tiegħu, f'distanza ta` mhux aktar minn tul ta` karozza mill-ponta li kellha l-vettura tal-konvenuta sporġuta 'l barra għal ġot-triq, it-Tribunal jikkonkludi li, aktar iva milli le, hija aktar verosimili l-verżjoni tal-attur li kien għaddej b'veloċita` normali, u li meta wasal

qrib il-vettura tal-konvenuta, din ħasditu għaliex ħaseb li kienet ser tibqa' ħierġa fil-karreġġjata tiegħu, ipprova jevitaha, u bil-manuvra li għamel fil-ħasda spiċċa xkana ftit 'il bogħod mal-bankina.

It-Tribunal iqis li japplikaw b'analoġija għal dan il-każ ir-reġoli enunċjati fil-ġurisprudenza tagħna dwar il-*main road user* u s-*side road user*, fis-sens li l-attur bil-mutur tiegħu kien għaddej minn triq twila u dritta, u allura kellu kull raġuni għalxhiex jaħseb li seta` jibqa' għaddej minnħa mingħajr ostakoli, filwaqt li l-konvenuta kienet wieqfa bil-vettura tagħha u kellha bżonn tagħmel il-manuvra biex tidħol f'din it-triq tal-attur, liema manuvra ma kellha qatt <u>tibdieha</u> qabel ma taċċerta ruħha li t-triq kienet libera. Il-fatt li ppruvat ma tkomplihiex meta ndunat li l-mutur kien laħaqha ma jiskolpihiex mir-responsabbilta` li tgħabbiet biħa minħabba li ma stennietx kemm kellha biex it-triq tkun vojta qabel tibda l-manuvra.

Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza riċenti **Melvin Grech vs Joseph Galea et**[14], fejn tat riassunt tal-ġurisprudenza saljenti fuq dan il-punt, *'min ikun ħiereġ minn side street għal main road għandu l-obbligu li juża l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf għal kollox jew joħroġ inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user għandu juża grad ta` diliġenza l-iżjed għolja u l-iżjed qawwija, billi għandu d-dmir iċedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq prinċipali, għax* ***il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ġej minnha***[15]'[16].

Kif qalet sewwa wkoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Pulizija vs Francis Schembri** *'Hawn ħafna drivers li jaħsbu illi meta jkunu ser jaqsmu għal fuq il-lemin tat-triq, biżżejjed li jagħtu sinjal u li b'hekk ikunu intitolati li jaqsmu t-triq. Dan huwa żball u jikkostitwixxi mankanza gravi ta` min ikun isuq. Is-sinjal għall-ewwel ifisser illi tkun l-intenzjoni tad-driver li jaqsam it-triq; iżda dan mhux biżżejjed. Biex hu jista` jaqsam, ikun hemm bżonn illi driver jaċċerta ruħu illi bil-qasma tiegħu tat-triq huwa ma*

---

[14]Per Imħ. Mintoff, 07.04.2017

[15] Enfasi tat-Tribunal

[16] Qorti tal-Appell (Inferjuri), 22.06.2005 ċitata fis-sentenza **Grech vs Galea et**, *supra*

*jkunx ta` ostakolu lil traffiku ieħor ... ‘.* Dan jgħodd b'aktar saħħa fir-realta` stradali tallum, meta s-sewwieq huwa aktar konxju mit-tul tal-ħin meħtieġ biex jasal minn post għall-ieħor, u meta r-ritmu tal-ħajja kwotidjana sar ħafna aktar mgħaġġel.

It-Tribunal qies ukoll id-difiża tal-konvenuta li, kuntrarjament għal dak premess mill-attur fl-Avviż tat-Talba, hija ma kinetx ħierġa minn garaxx. Għalkemm huwa minnu li dan ix-xenarju msemmi fl-att promotur ma jirriżultax, u assolutament ma jikkonfigurax fl-akkadut, irriżulta wkoll li wara l-inċident l-attur intilef minn sensiħ, u għalhekk ma kellux l-opportunita` li jifli u jivverifika personalment iċ-ċirkostanzi fattwali kollha fuq il-lok tal-inċident. Aktar minn hekk, il-premessi ta` fatt fl-Avviż tat-Talba mhumiex maħlufa, u jidher ċar li f'dan il-każ din il-premessa kienet *lapsus calami* jew impressjoni żbaljata tal-attur, li t-Tribunal iqis bħala skużabbli fid-dawl tax-xiehda konsistenti li l-attur ta f'dawn il-proċeduri.

Kwantu għad-danni reklamati mill-attur, it-Tribunal huwa sodisfatt mill-provi mressqa quddiemu dwar it-telf li l-attur attwalment ġarrab, konsistenti f'telf ta` pagi, spejjeż, u ħsarat fil-mutur tiegħu.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lill-attur is-somma mitluba ta` elf, ħames mija sitta u tmenin Ewro, sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€1,586.77ċ), bl-imgħax leġali mid-data tallum sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenuta.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**